# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Tlieta u Tletin (33) – Laqgħa b'urġenza**

**21 ta' Mejju 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' b'mod virtwali fil-5.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit - Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI:**

Aaron Agius – Viċi Sindku
Anthony Attard – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

33.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Aaron Agius u tal-Kunsillier Anthony Attard li ma setgħux jattendu għal-laqgħa tal-lum minħabba raġunijiet personali.

33.1.2 Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw unanimament din l-apoloġija.

**33.2 Tibdil fil-kompożizzjoni taż-żewġ bordijiet ta' aġġudikazzjoni tat-*tenders* tal-installazzjoni tal-fanali fil-*belvedere* tal-Qaċċa u x-xogħol ta' *resurfacing* bil-konkrit tal-aħħar parti ta' Triq Għajn Wajtar**

33.2.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li huwa sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza sabiex il-Kunsill ikun jista' jaħtar membri ġodda fiż-żewġ bordijiet ta' aġġudikazzjoni tat-*tenders* tal-installazzjoni ta' fanali ġodda fil-*belvedere* tal-Qaċċa u x-xogħol ta' *resurfacing* bil-konkrit tal-aħħar parti ta' Triq Għajn Wajtar. Dan wara li erba' membri miż-żewġ bordijiet infurmaw lill-Kunsill li ma jistgħux iservu fihom minħabba raġunijiet personali u/jew kunflitt ta' interess.

33.2.2 Fir-rigward tal-bord ta' evalwazzjoni għax-xogħol ta' installazzjoni ta' fanali ġodda fil-*belvedere* tal-Qaċċa, is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel unanimament li, minflok l-Inġiniera Daniela Attard, għandna naħtru lill-Inġinier Matthew Borg Marks bħala *evaluator*. Għaldaqstant, il-membri ta' dan il-bord ta' aġġudikazzjoni bil-karigi rispettivi tagħhom huma kif ġej: L-Inġinier Paul Refalo (*Chairman)*, Dr. Larry Formosa, il-Perita Mariella Xuereb u l-Inġinier Matthew Borg Marks (*evaluators*) u s-Sur William Sultana (Segretarju tal-bord).

33.2.3 Fir-rigward tal-bord ta' evalwazzjoni għax-xogħol ta' *resurfacing* tal-aħħar parti ta' Triq Għajn Wajtar, is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-

Kunsill qabel unanimament li l-membri ta' dan il-bord bil-karigi rispettivi tagħhom ikunu kif ġej: Is-Sur William Sultana (*Chairman*), Dr. Francienne Muscat, l-*accountant* Anthony Farrugia, u l-Perita Cornelia Tabone (*evaluators*) u s-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ikun is-Segretarju tal-bord.

33.2.3 Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lil dawn il-membri b'dan it-tibdil li kellu jsir sabiex fil-jiem li ġejjin ikun jista' jibda l-proċess ta' aġġudikazzjoni tal-offerti sottomessi fiż-żewġ *tenders* rispettivi.

33.2.4 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.30pm.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**